DIGRIET TAL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

25 ta' Settembru 2019*

"Rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni, rikors għad-danni u rikors għal annullament – Moviment liberu tal-ħaddiema – Libertà professjonali – Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Isvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni – Ksur allegat ta' dan il-ftehim permezz ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolamentari Svizzeri li jirregolaw l-eżerċizzju tal-professjoni ta' tabib – Talba għal adozzjoni ta' miżuri kontra l-Isvizzera u talba għal kumpens minħabba d-danni mġarrba – Risposta tas-SEAE – Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt"

Fil-Kawża T-99/19,

Nathaniel Magnan, resident f'Aix-en-Provence (Franza), irrappreżentat minn J. Fayolle, avukat,

rikorrent,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn H. Støvlbæk, J. Hottiaux u M. Šimerdová, bħala aġenti,

konvenuta,

li għandu bħala suġġett, fl-ewwel lok, talba bbażata fuq l-Artikolu 265 TFUE u intiża sabiex jiġi ddikjarat li l-Kummissjoni astjeniet ruħha illegalment milli taddota miżuri kontra l-Konfederazzjoni Svizzera wara allegat ksur tal-Ftehim Bejn Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, (ĠU 2009, L 353, p. 71) iffirmat fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999, u fit-tieni lok, talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għal annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tadotta miżuri kontra l-Konfederazzjoni Svizzera, li tinsab fl-ittra tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tal-20 ta' Diċembru 2018, u, fit-tielet lok, talba bbażata fuq l-Artikoli 268 u 340 TFUE u intiża għall-ksib ta' kumpens għad-dannu li r-rikorrent allegatament ġarrab mill-2013 minħabba l-ksur tal-Ftehim Bejn Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni u kif ukoll ta' pagamenti ta' penalità,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla),

Komposta minn D. Gratsias (Relatur), President tal-Awla, A. Dittrich u R. Frendo, Imħallfin,

Reġistratur: E. Coulon,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

Digriet

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Ir-rikorrent Nathaniel Magnan, huwa tabib mhux speċjalista ta' nazzjonalità Franċiża.

2 Fl-20 ta' Lulju 2013, ir-rikorrent talab lill-awtoritajiet tal-canton ta' Genève (l-Isvizzera) għal awtorizzazzjoni sabiex ikun jista' jeżerċità l-professjoni tiegħu f'dan il-canton.

3 Permezz ta' żewġ sentenzi tal-1 ta' Ottubru 2013, l-awtoritajiet tal-canton ta' Genève awtorizzaw lir-rikorrent sabiex jeżerċità l-professjoni tiegħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu stess, iżda ma awtorizzawhx sabiex jeżerċitaha taħt il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja. Din id-deċiżjoni tal-aħħar hija bbażata fuq l-Artikolu 55a tal-Liġi Federali Svizzera tat-18 ta' Marzu 1994 fuq l-assigurazzjoni għall-mard, imsejħa "klawżola ta' bżonn" (iktar 'il-quddiem, il-"klawżola ta' bżonn"), u fuq id-Digriet tal-Kunsill Federali Svizzeru tat-3 ta' Lulju 2013 fuq il-limitazzjoni tal-ammissjoni ta' forniturі ta' servizzi li għandhom jitwettqu taħt il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja. Il-klawżola ta' bżonn tipprevedi l-possibbiltà, għall-Kunsill Federali Svizzeru, li jimponi l-istabbiliment ta' prova ta' bżonn għall-ammissjoni, b'mod partikolari, tat-tobba li jeżerċitaw taħt il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja, bl-eċċezzjoni ta' persuni li eżerċitaw għal mill-inqas tliet snin fi stabbiliment Svizzeru ta' taħriġ postuniversitarju rrikonoxxut. Permezz ta' Digriet tat-3 ta' Lulju 2013, il-Kunsill Federali Svizzeru implimenta din il-possibbiltà billi ppreveda li l-prattikanti previsti mill-klawżola ta' bżonn kienu awtorizzati li jipprattikaw taħt il-kopertura tal-assigurazzjoni obbligatorja biss jekk in-numru massimu tal-prattikanti, fit-totalità tagħhom, stabbilit fl-anness għal kull canton u skont l-ispeċjalità tagħhom, ma jkunx intlaħaq.

4 Fil-15 ta' Novembru 2013, ir-rikorrent ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni li ma jiġix awtorizzat sabiex jeżerċità l-professjoni ta' tabib mhux speċjalista taħt il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja quddiem it-Tribunal administratif fédéral suisse (il-Qorti Amministrattiva Federali tal-Isvizzera) (iktar 'il quddiem, il-"QAF"). Permezz ta' sentenza tad-19 ta' Marzu 2018, dik il-qorti ċaħdet l-imsemmi rikors fuq il-mertu. Hija kkunsidrat, b'mod partikolari, li, jekk jitqies li l-klawżola ta' bżonn tistabbilixxi diskriminazzjoni indiretta fir-rigward tat-tobba ċittadini tal-Istat Membri, din hija ġġustifikata minn raġunijiet ta' saħħa pubblika, konformement mal-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni Ewropea (paragrafu 9.7 tas-sentenza). Barra minn hekk, hija indikat li peress li d-deċiżjonijiet dwar l-assigurazzjoni għall-mard mogħtija minnha ma jistgħux jiġu kkontestati quddiem it-Tribunal fédéral (il-Qorti Federali, l-Isvizzera), is-sentenza tagħha kienet definittiva (paragrafu 12 tas-sentenza).

5 F'Mejju 2018, ir-rikorrent informa lill-Kummissjoni Ewropea dwar din is-sitwazzjoni. L-amministratur kompetenti tal-Kummissjoni (fi ħdan l-Unità E5 "Kwalifiki professjonali u kompetenzi" tad-Direttorat Ġenerali (DĠ) "Suq Intern, Industrija, Intraprenditorija u SMEs ") irrisponda lir-rikorrent permezz tal-posta elettronika tat-30 ta' Mejju u tas-7 ta' Ġunju 2018. Huwa indikalu li l-Kummissjoni kienet informata bis-sitwazzjoni fl-Isvizzera u li kienet qiegħda taħdem mal-awtoritajiet Svizzeri sabiex tinstab soluzzjoni, u kien miħabba dan li ma setax jikkomunikalu l-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni fir-rigward tas-sentenza tal-QAF tad-19 ta' Marzu 2018. B'mod partikolari, skont l-informazzjoni li huwa kellu, l-awtoritajiet Svizzeri kienu qegħdin jeżaminaw xi emendi ta' ċerti partijiet tal-Liġi Federali Svizzera fuq l-assigurazzjoni għall-mard.

6 Fit-23 ta' Awwissu 2018, żewġ kumpanniji ta' assigurazzjoni Svizzeri responsabbli għall-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja ppreżentaw rikors għal konċiljazzjoni quddiem it-Tribunal arbitral des assurances du canton de Genève (it-Tribunal ta' Arbitraġġ tal-Assigurazzjonijiet tal-canton ta' Genève, l-Isvizzera) kontra l-assoċjazzjoni SOS médecins de Genève, intiża għall-ħlas ta' somma li tikkorrispondi għar-rimbors ta' fatturi ta' diversi tobba membri ta' din l-assoċjażżjoni, li ma kinux ġew awtorizzati sabiex jipprattikaw taħt il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja. Permezz ta'

posta elettronika tad-19 ta' Ottubru 2018, it-tabib Direttur ta' SOS médecins de Genève ddikjara li kien obbligat li jissospendi l-attività ta' dawn it-tobba, fosthom ir-rikorrent. Dawn reġgħu ddaħħlu fis-servizz sussegwentement fit-8 ta' Novembru 2018, wara seduta li nżammet fil-kuntest tal-proċedura ta' konċiljazzjoni msemmija iktar 'il fuq. Fit-3 ta' Lulju 2019, it-Tribunal arbitral des assurances du canton de Genève (it-Tribunal ta' Arbitraġġ tal-Assigurazzjonijiet tal-canton ta' Genève) ta sentenza li permezz tagħa kkundanna lill-imsemmija assoċjazzjoni għall-ħlas tas-somma li tikkorrispondi għall-fatturi rrimborsati lit-tobba membri tal-assoċjazzjoni li huwa kkunsidra bħala li ma humiex awtorizzati sabiex jipprattikaw taħt il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja.

7 Fit-22 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrent indirizza lill-Kummissjoni b'ittra ta' intimazzjoni, li permezz tagħha huwa talabha, minn naħa, sabiex "tieħu l-miżuri ġuridiċi kollha permessi" mill-Ftehim Bejn Il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u l-konfederazzjoni Żvizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni (ĠU 2009, L 353, p. 71, iktar 'il quddiem il-"FMLP"), kontra l-Konfederazzjoni Svizzera, sabiex tintemm immedjatament id-diskriminazzjoni kontra t-tobba ċittadini tal-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, sabiex tikkumpensa d-dannu ekonomiku li huwa ġarrab mill-2013, li jikkorrispondi għall-ammont ta' CHF 1 281 444 (madwar EUR 1 121 650). Fiha huwa ddikjara li ilu mill-2013 ikun is-suġġett ta' diskriminazzjoni indiretta, minħabba l-impossibbiltà, għalih, li jistabbilixxi ruħu bħala tabib mhux speċjalista fil-canton ta' Genève u li l-attivitajiet tiegħu fi ħdan SOS médecins de Genève kienu ġew sospiżi mid-19 ta' Ottubru 2018. Huwa sostna li din id-diskriminazzjoni kienet kuntrarja għall-ġurisprudenza tal-qrati tal-Unjoni u li ma kellux possibbiltà ta' appell, fuq livell nazzjonali jew supranazzjonali, kontra s-sentenza tal-QAF. Huwa sostna li peress li l-ksur tal-FMLP li jirriżulta minn din id-diskriminazzjoni japplika għat-tobba kollha ċittadini tal-Unjoni, il-Kummissjoni, inkwantu garanti tat-Trattati u tal-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, konformement mal-Artikolu 17(1) TUE, għandha d-dover li taġixxi u li hija ma kienet ħadet l-ebda miżura f'dan ir-rigward mill-2013.

8 Fl-20 ta' Diċembru 2018, is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) indirizza ittra lir-rikorrent bħala rispost għall-ittra ta' dan tal-aħħar, tat-22 ta' Ottubru 2018, indirizzata lill-Kummissjoni. Fl-imsemmija ittra, is-SEAE żgura lir-rikorrent li s-servizz u l-Kummissjoni kienu qegħdin jagħmlu minn kollox sabiex tiġi żgurata applikazzjoni korretta tal-FMLP u r-rispett tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni fl-Isvizzera. Fl-ittra huwa afferma li l-kwistjoni tar-restrizzjoni tal-aċċess tat-tobba għas-suq tax-xogħol fl-Isvizzera, u partikolarment fil-canton ta' Genève, kienet is-suġġett ta' diskussjonijiet kontinwi mal-awtoritajiet Svizzeri li ilhom għaddejjin mill-2013, iżda li dawn tal-aħħar u l-awtoritajiet tal-Unjoni ma kinux qegħdin jaqblu dwar is-suġġett tal-interpretazzjoni tal-FMLP u dwar l-evalwazzjoni ġuridika tal-klawżola ta' bżonn. Huwa ppreċiża li, fl-assenza ta' mekkaniżmu ta' riżoluzzjoni ta' tilwim, l-awtoritajiet tal-Unjoni ma kellhomx il-mezzi sabiex jiffavorixxu soluzzjoni fin-nuqqas ta' ftehim bejn il-partijiet u li, peress li kienu konxji ta' din il-lakuna, kienu talbu lill-awtoritajiet Svizzeri sabiex jinnegozjaw ftehim qafas istituzzjonali li jippermettilhom jużaw l-arbitraġġ u jressqu kawżi quddiem l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għall-kwistjonijiet dwar il-kunċetti tad-dritt tal-Unjoni, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni uniformi tal-ftehimiet konklużi mal-Konfederazzjoni Svizzera u sabiex jiġu żgurati drittijiet u obbligi identiċi. Huwa żied li l-awtoritajiet tal-Unjoni kienu qegħdin isegwu b'attenzjoni l-proċess tat-tfassil ta' liġi ġdid mill-awtoritajiet Svizzeri, intiża sabiex tissostitwixxi l-klawżola ta' bżonn.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

9 Fit-18 ta' Frar 2019, ir-rikorrent ippreżenta dan ir-rikors.

10 Fid-9 ta' April 2019, il-Qorti Ġenerali bagħtet ir-rikors lill-Kummissjoni, u stednitha tirrispondi mistoqsija fil-kuntest tar-risposta.

11 Fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni ppreżentat eċċezzjoni ta' inammissibbiltà u rrispondiet il-mistoqsija tal-Qorti Ġenerali.

12 Fis-6 ta' Awwissu 2019, ir-rikorrent ippreżenta xi osservazzjonijiet fuq l-eċċezzjoni tal-inammissibbiltà.

13 Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– minn naħa, tiddeċiedi, fuq il-bażi tal-Artikolu 265 TFUE, li l-Kummissjoni astjeniet ruħha illegalment milli tieħu, mill-2013, il-miżuri kollha xierqa kontra l-Konfederazzjoni Svizzera u tikkundanna lill-Kummissjoni, fuq il-bażi tal-Artikoli 268 u 340 TFUE, tħallsu s-somma ta' EUR 1 141 198.10, abbażi tad-danni mġarrba mill-2013, u għall-pagamenti ta' penalità ta' EUR 500 kuljum sakemm l-awtoritajiet Svizzeri josservaw il-FMLP jew sal-irtirar ta' waħda mill-partijiet minn dan il-ftehim;

– min-naħa l-oħra, fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE, tannulla d-deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2018 ta' rifjut impliċitu li jittieħdu, b'urġenza, xi miżuri ġuridiċi u materjali kontra l-Konfederazzjoni Svizzera minħabba l-ksur tal-FMLP u d-deċiżjoni ta' rifjut impliċitu għal kumpens tad-danni mġarrba minħabba dan il-ksur.

14 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors għaliex manifestament inammissibbli;

– tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

Id-dritt

15 Skont l-Artikolu 126 tar-Regolamenti tal-Proċedura tagħha, meta rikors ikun manifestament inammissibbli jew manifestament infondat fid-dritt, il-Qorti Ġenerali tista', fuq proposta tal-Imħallef Relatur, fi kwalunkwe ħin tagħżel li tiddeċiedi permezz ta' digriet motivat, mingħajr ma tkompli l-proċedura.

16 F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali tqis li mill-annessi tal-proċess hija għandha biżżejjed informazzjoni u tiddeċiedi li tieħu deċiżjoni mingħajr ma tkompli bil-proċedura.

17 Preliminarjament, hemm lok li jiġi kkonstatat li r-rikors prezenti għandu jiġi interpretat bħala li fih, prinċipalment, talbiet għal nuqqas li tittieħed azzjoni intiżi sabiex il-Qorti Ġenerali tikkonstata, fuq il-bażi tal-Artikolu 265 TFUE, in-nuqqas mhux iġġustifikat ta' azzjoni tal-Kummissjoni, u xi talbiet intiżi sabiex din tal-aħħar tiġi kkundannata, fuq il-bażi tal-Artikoli 268 u 340 TFUE, tikkumpensa lir-rikorrent u tħallsu pagamenti ta' penalità għad-danni mġarrba. It-talbiet fir-rigward tal-annullament tad-"deċiżjoni tal-20 ta' Diċembru 2018 ta' rifjut impliċitu li jittieħdu, b'urġenza, xi miżuri ġuridiċi u materjali kontra l-[Konfederazzjoni Svizzera] minħabba l-ksur tal-FMLP" għandhom jiġu eżaminati bħala ppreżentati sussidjarjament, sa fejn huma bbażati fuq il-premessa li l-Kummissjoni ddeċidiet fuq it-talbiet tar-rikorrent u mhux, bħat-talbiet ippreżentati prinċipalment, fuq il-premessa li hija naqset milli tagħmel dan. Fir-rigward tat-talbiet, anki dawn ippreżentati sussidjarjament, għall-annullament tad-"deċiżjoni ta' rifjut impliċitu għal kumpens tad-danni mġarrba minħabba dan il-ksur", dawn għandhom jiġu kklassifikati mill-ġdid bħala talbiet intiżi sabiex l-Unjoni tiġi kkundannata abbażi tal-Artikoli 268 u 340 TFUE.

Fuq it-talbiet għal nuqqas ta' azzjoni u t-talbiet għal kumpens relatati

Fuq it-talbiet għal nuqqas ta' azzjoni

18 Ir-rikorrent isostni li l-klawżola ta' bżonn tistabbilixxi diskriminazzjoni indiretta bejn it-tobba Svizzeri, li kisbu t-taħriġ tagħhom prinċipalment fl-Isvizzera u għaldaqstant ma humiex ikkonċernati mill-imsemmija klawżola, u t-tobba ċittadini ta' Stat Membru, li rċevew it-taħriġ tagħhom prinċipalment fl-Unjoni u li huma direttament ikkonċernati mill-projbizzjoni li jipprattikaw taħt il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja Svizzera. Din il-klawżola ta' bżonn tistabbilixxi, barra minn hekk, diskriminazzjoni bejn it-tobba li eżerċitaw għal minn tal-inqas tliet snin fi stabbiliment Svizzeru rrikonoxxut ta' taħriġ postuniversitarju u l-oħrajn. L-istabbiliment ta' din il-klawżola jikkostitwixxi ksur tal-Artikoli 2, 7 u 13 tal-FMLP u tal-Artikolu 55 tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU 2005, L 255, p. 22), kif ukoll nuqqas ta' osservanza tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, li tagħha l-Konfederazzjoni Svizzera kienet impenjat ruħha li tieħu inkunsiderazzjoni, abbażi tal-Artikolu 16(2) tal-FMLP. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Svizzeri ma jirrispettawx il-prinċipju tar-reċiproċità. Ir-rikorrent jafferma li l-motivi tas-sentenza tal-QAF tad-19 ta' Marzu 2018, li jiġġustifikaw id-diskriminazzjoni inkwistjoni fid-dawl tal-għanijiet ta' saħħa pubblika, huma vvizzjati minn żball ta' liġi fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u ma humiex validi fuq livell xjentifiku. F'kull każ, il-klawżola ta' bżonn tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità. Ir-rikorrent iżid li d-diskriminazzjoni inkwistjoni hija aggravata fil-konfront tiegħu minħabba l-fatt li l-esperjenza tiegħu fi ħdan SOS médecins de Genève ma tistax tittieħed inkunsiderazzjoni għal eżenzjoni mill-klawżola ta' bżonn u minħabba l-applikazzjoni, fi ħdan l-amministrazzjonijiet pubbliċi tal-canton ta' Genève, ta' direttiva li timponi li jiġi pprivileġġat ir-reklutaġġ ta' applikanti lokali meta mqabbla ma' ħaddiema transkonfinali. Minħabba l-inċertezza fir-rigward tal-possibbiltà li jkompli jeżerċita fi ħdan SOS médecins de Genève, huwa tqiegħed f'sitwazzjoni ta' inċertezza legali.

19 F'dak li jikkonċerna l-allegat nuqqas ta' teħid ta' azzjoni mill-Kummissjoni, ir-rikorrent isostni li l-ittra tal-20 ta' Diċembru 2018, tista' tiġi interpretata bħala rifjut impliċitu li taġixxi. Fl-opinjoni tiegħu, l-affermazzjoni li hemm f'din l-ittra, li tgħid li ma jeżisti l-ebda mezz li tintuża soluzzjoni fin-nuqqas tal-ftehim tal-partijiet, ma hijiex eżatta, peress li l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni li tiddenunzja, f'kull mument, wieħed mis-seba' ftehim settorjali konklużi mal-Konfederazzjoni Svizzera, li l-FMLP kien parti minnhom, jew li tissospendi l-effetti tagħhom u tista' taġixxi wkoll fuq il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet Svizzeri f'diversi programmi Ewropej. Skont ir-rikorrent, fid-dawl tal-missjoni tagħha ta' garanti tat-Trattati u konformemement mal-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' protezzjoni tal-aspettativi leġittimi, il-Kummissjoni kellha, f'dan il-każ, obbligu li taġixxi biex tissalvagwardja l-acquis tal-Unjoni u tipproteġi d-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni. In-nuqqas ta' azzjoni tagħha huwa dedotta, partikolarment, mill-għarfien li hija għandha tas-sitwazzjoni tat-tobba ċittadini tal-Unjoni mill-2013, u min-nuqqas ta' risposta tagħha għaż-żamma tal-ostakoli repetuti għall-moviment liberu tal-persuni li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni Svizzera.

20 Il-Kummissjoni ssostni li t-talbiet għal nuqqas li tittieħed azzjoni huma inammissibbli. Minn naħa, ir-rikorrent ma għandux id-dritt jippreżenta rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni li ma huwiex intiż sabiex jiġi kkonstatat li l-Kummissjoni naqset milli tadotta atti li jipproduċu effeti legali fil-konfront tiegħu u li jistgħu jkunu s-suġġett ta' rikors għal annullament. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ssostni li f'dan il-każ hija għandha setgħa diskrezzjonali, bħal dik relatata mal-bidu ta' proċedura għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, li teskludi d-drittijiet ta' individwi li jeżiġu li hija għandha tieħu pożizzjoni f'direzzjoni speċifika. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tafferma li hija ħadet il-miżuri legali kollha permissibbli mill-FMLP sabiex ittemm id-diskriminazzjoni kontra t-tobba tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, hija tindika li qajmet, f'kull laqgħa annwali tal-Kumitat Konġunt tal-FMLP, il-kwistjoni tal-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Svizzera mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim, abbażi tal-Artikolu 19 tiegħu, li jagħti lill-Kumitat Konġunt il-kompetenza sabiex isolvi, b'mod strettament

politiku, it-tilwim bejn il-partijiet. L-inizjattivi tagħha kienu b'hekk ippermettew progress fuq diversi fajls, partikolarment ir-reviżjoni tad-direttiva trasversali fil-canton ta' Genève. Ma jeżisti l-ebda mekkaniżmu ieħor sabiex tinstab soluzzjoni għat-tilwim bejn il-partijiet għall-FMLP, b'mod partikolari mekkaniżmu vinkolanti. Fl-aħħar nett, l-Unjoni ma għandhiex tkun obbligata li tiddenunzja jew li tissospendi l-FMLP, li jaqa' taħt relazzjoni ta' ftehim kumplessa ħafna mal-Konfederazzjoni Svizzera, u li, f'kull każ, huwa ftehim imħallat, li d-denunzja jew is-sospensjoni tiegħu jimplikaw il-qbil tal-Istati Membri kollha. Minn dan hija tikkonkludi li l-azzjoni għal nuqqas li tittieħed azzjoni hija nieqsa minn kull bażi.

21 Fl-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà tas-6 ta' Awwissu 2019, ir-rikorrent isostni li r-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni huwa ammissibbli, peress li l-Kummissjoni ma hijiex l-awtriċi tal-ittra tal-20 ta' Diċembru 2018, peress li din l-ittra ma kienx fiha teħid ta' pożizzjoni, peress li huwa ppreżenta r-rikors fit-terminu stabbilit u peress li l-Kummissjoni kellha l-possibbiltà u l-obbligu li taġixxi mill-2013. Huwa jafferma li ċ-ċaħda tar-rikors tiegħu għaliex inammissibbli mill-Qorti Ġenerali, fl-assenza ta' kwalunkwe mekkaniżmu previst mill-FMLP li jippermettilu jersaq quddiem qorti supranazzjonali kompetenti fid-dritt tal-Unjoni, tikkonsolida ċ-ċaħda ta' ġustizzja li huwa s-suġġett tagħha u tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll ksur tal-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza.

22 Qabel kollox, għandha tiġi eżaminata l-ammissibbiltà tat-talbiet għal nuqqas li tittieħed azzjoni.

– Fuq l-ammissibbiltà tat-talbiet għal nuqqas li tittieħed azzjoni

23 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE, ir-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni huwa ammissibbli biss jekk l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu inkwistjoni jkun preliminarjament ġie mistieden jaġixxi. Jekk fi żmien xahrejn minn din l-istedina, l-istituzzjoni, il-korp jew l-organu ma jkunx ħa pożizzjoni, ir-rikors jista' jitressaq f'terminu ġdid ta' xahrejn. Madankollu, l-istedina ta' istituzzjoni sabiex tieħu azzjoni, għandha tkun suffiċjentement espliċita u speċifika sabiex din tkun tista' tifhem b'mod konkret il-kontenut tad-deċiżjoni li hija mitluba tadotta u minnha għandu wkoll jirriżulta li hija intiża sabiex din l-istituzzjoni tiġi mġielgħa tieħu pożizzjoni (ara s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2017, Bionorica u Diapharm vs Il-Kummissjoni, C-596/15 P u C-597/15 P, EU:C:2017:886, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata).

24 Konformement mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 265 TFUE jikkonċerna n-nuqqas li tittieħed azzjoni minħabba n-nuqqas li tiġi adottata deċiżjoni jew li tittieħed pożizzjoni (ara s-sentenza tat-23 ta' Novembru 2017, Bionorica u Diapharm vs Il-Kummissjoni, C-596/15 P u C-597/15 P, EU:C:2017:886, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Skont il-ġurisprudenza, it-tielet paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE, li jagħti lill-persuni ġuridiċi u fiżiċi l-possibbiltà li jippreżentaw rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni meta istituzzjoni tonqos milli tindirizzahom b'att li ma huwiex rakkomandazzjoni jew opinjoni, għandu jiġi interpretat bħala li jippermetti li l-individwi jippreżentaw rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni kontra istituzzjoni li naqset milli tadotta att li jipproduċi effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jbiddlu b'mod kunsiderevoli s-sitwazzjoni legali tiegħu. Barra minn hekk, rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni jista' jiġi ppreżentat kontra l-omissjoni li jiġi adottat att preparatorju, jekk dan ikun jikkostitwixxi l-element preliminari neċessarju għall-iżvolġiment ta' proċedura li għandha twassal għal att li jipproduċi effetti legali vinkolanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-26 ta' Novembru 1996, T. Port, C-68/95, EU:C:1996:452, punt 59 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tat-23 ta' Novembru 2017, Bionorica u Diapharm vs Il-Kummissjoni, C-596/15 P u C-597/15 P, EU:C:2017:886, punt 53 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Għaldaqstant, mill-prinċipji mfakkra fil-punt 25 iktar 'il fuq jirriżulta li l-Artikolu 265 TFUE ma jagħtix lill-persuni fiżiċi u ġuridiċi d-dritt li jippreżentaw rikors kontra kull nuqqas li tittieħed pożizzjoni jew li tittieħed deċiżjoni minn naħa tal-istituzzjonijiet, wara li huma jkunu intimawha li tagħmel dan. Fil-fatt, konformement ma' dawn il-prinċipji, dan id-dritt jeżisti biss fi tliet każijiet: meta dawn il-persuni kellhom ikunu d-destinatarji tal-att li dawn l-istituzzjonijiet naqsu milli jadottaw, meta l-att li ma ttieħidx kien ikollu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffattwaw l-interessi tagħhom, billi jbiddlu b'mod kunsiderevoli s-sitwazzjoni legali tagħhom, jew, minn tal-inqas, meta l-imsemmi att kellu jikkostitwixxi l-element preliminari neċessarju għall-iżvolġiment ta' proċedura li tista' twassal għal att li jipproduċi effetti legali vinkolanti fil-konfront tagħhom.

27 Issa, fil-kawża preżenti, indipendentement mill-kwistjoni sabiex isir magħruf jekk il-kundizzjonijiet l-oħra ta' ammissibbiltà tar-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni, imsemmija fil-punti 23 u 24 iktar 'il fuq, ġewx osservati, għandu jiġi kkonstatat, f'kull każ, li s-sitwazzjoni tar-rikorrent ma tikkorrispondix għal ebda waħda mit-tliet każijiet imsemmija fil-punt 26 iktar 'il fuq.

28 F'dan ir-rigward, qabel kollox, għandu jiġi kkonstatat li r-rikorrent ma huwiex destinatarju tal-miżuri li huwa stieden lill-Kummissjoni sabiex tadotta fl-ittra tiegħu tat-22 ta' Ottubru 2018. Fil-fatt, f'din l-ittra, huwa talab lil din l-istituzzjoni, skont kliemu stess, sabiex "tieħu l-miżuri ġuridiċi kollha permessi mill-FMLP kontra l-[Konfederazzjoni Svizzera]".

29 Sussegwentement, għandu jiġi nnotat li xi miżuri adottati mill-Kummissjoni kontra l-Konfederazzjoni Svizzera ma kinux, fihom infushom, ta' natura li jbiddlu b'mod kunsiderevoli s-sitwazzjoni legali tar-rikorrent fir-rigward tad-dritt tiegħu li jeżerċita l-professjoni ta' tabib fil-canton ta' Genève.

30 Fl-aħħar, tali miżuri ma jistgħux jiġu kkunsidrati li huma element preliminari neċessarju għall-iżvolġiment ta' proċedura li tista' twassal għal att li jipproduċi effetti legali vinkolanti fil-konfront tar-rikorrent.

31 Fil-fatt, minn naħa, għandu jiġi kkonstatat li l-unika proċedura ta' riżoluzzjoni ta' tilwim applikabbli għall-interpretazzjoni jew għall-applikazzjoni tal-FMLP hija dik prevista fl-Artikolu 19 ta' dan il-ftehim, li jgħid li, il-partijiet kontraenti jistgħu jippreżentaw kull tilwim ta' din in-natura quddiem il-Kumitat Konġunt, li jista' jsolvi t-tilwima billi jeżamina l-possibbiltajiet kollha li jippermettu li jinżamm il-funzjonament tajjeb tal-imsemmi ftehim. Mill-bqija, dawn id-dispożizzjonijiet ma jimponux fuq il-Kumitat Konġunt obbligu ta' riżultat fir-rigward tar-riżoluzzjoni tat-tilwim, iżda biss obbligu ta' mezzi.

32 Min-naħa l-oħra, ma teżistix proċedura ta' riżoluzzjoni ta' tilwim applikabbli fil-kawża preżenti, fejn l-element preliminari huwa l-adozzjoni, minn waħda mill-partijiet fil-FMLP, ta' miżuri unilaterali kontra l-parti l-oħra. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li d-deċiżjoni li l-FMLP ma jiġix imġedded jew li jiġi ddenunzjat, fuq il-bażi tal-Artikolu 25(2) jew (3) ta' dan il-ftehim, li hija ċċitata, bħala eżempju, mir-rikorrent, ma tistax, mid-definizzjoni tagħha stess, tiġi kkunsidrata bħala tali element preliminari, peress li l-adozzjoni ta' tali deċiżjoni ttemm il-ftehim innifsu.

33 Barra minn hekk, l-adozzjoni, barra minn kull proċedura applikabbli, ta' miżuri unilaterali minn waħda mill-partijiet fl-FMLP kontra l-parti l-oħra, minħabba l-ksur, minn din tal-aħħar, tal-obbligi tagħha abbażi tal-imsemmi trattat, ma toffri, mid-definizzjoni tagħha stess, l-ebda garanzija fir-rigward tar-riżoluzzjoni ta' tilwima bejn l-imsemmija partijiet. Fil-fatt, f'dan il-każ, hija l-parti kkonċernata mill-imsemmija miżuri unilaterali, li għandha tiddetermina b'mod liberu u sovran jekk għandhiex tikkonforma jew le mal-interpretazzjoni tal-FMLP difiża mill-parti kontraenti l-oħra (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, id-Digriet tat-3 ta' Lulju 2007, Commune de Champagne *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-212/02, EU:T:2007:194, punt 94).

34 Minn naħa l-oħra, ċertament huwa minnu li l-eżerċizzju tal-kompetenzi mogħtija lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni fil-qasam internazzjonali ma jistgħux jiġu preklużi mill-istħarriġ ġudizzjarju (ara, f'dan is-sens, u b'analoġija, id-Digriet tat-3 ta' Lulju 2007, Commune de Champagne *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-212/02, EU:T:2007:194, punt 94 u l-ġurisprudenza ċċitata). Huwa minnu wkoll, hekk kif isostni r-rikorrent, li, abbażi tal-Artikolu 17(1) TUE, il-Kummissjoni, bħala l-gwardjan tat-Trattat KE u tal-ftehimiet konklużi skont dan it-trattat, hija marbuta li tiżgura l-applikazzjoni korretta minn pajjiż terz tal-obbligi li jkun daħal għalihom taħt ftehim konklużż mal-Unjoni, jew, bħal fil-kawża preżenti, konklużi mal-Unjoni u mal-Istati Membri tagħha (ara, f'dan is-sens, u b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2008, C.A.S. vs Il-Kummissjoni, C-204/07 P, EU:C:2008:446, punt 94).

35 Madankollu, fil-kawża preżenti, fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet ta' dritt internazzjonali jew ta' dritt tal-Unjoni li jinkludu, b'xi mod jew ieħor, lill-individwi mal-proċess deċiżiv dwar l-implimentazzjoni tal-FMLP, ir-rikorrent ma jistax jinvoka mill-ksur ta' dan il-ftehim mill-Konfederazzjoni Svizzera, jekk jiġi preżunt li dan huwa stabbilit, id-dritt li jeżiġi mill-Kummissjoni li hija tadotta xi miżuri kontriha. Fil-fatt, kieku jiġu adottati, tali miżuri jkunu jikkonċernaw biss ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni u pajjiż terz u mhux ir-relazzjonijiet tal-awtoritajiet tal-Unjoni ma persuni fiżiċi u ġuridiċi. Konsegwentement, anki jekk tiġi ammessa l-eżistenza ta' obbligu li jiġu adottati tali miżuri, dan ma jista' jagħti l-ebda dritt lil individwi (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tat-13 ta' Ġunju 2013, Syndicat OP 84, C-3/12, EU:C:2013:389, punti 28 sa 31, u tal-10 ta' Diċembru 2013, Abdullahi, C-394/12, EU:C:2013:813, punt 56).

36 Għaldaqstant, minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li t-talbiet tar-rikors dwar nuqqas li tittieħed azzjoni huma manifestament inammissibbli.

37 L-argumenti ppreżentati mir-rikorrent fil-kuntest tal-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà ma humiex, evidentement, ta' natura li jikkonfutaw din il-konklużjoni.

38 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kwistjoni sabiex isir magħruf jekk il-Kummissjoni naqsitx milli tieħu pożizzjoni fuq l-intimazzjoni li r-rikorrent bagħtilha u jekk ir-rikors ġiex ippreżentat fit-termini stabbiliti mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 265 TFUE, huwa suffiċjenti li jiġi mfakkar li, minħabba r-raġunijiet esposti fil-punti 28 sa 35 iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali tikkunsidra li s-sitwazzjoni tar-rikorrent ma tikkorrispondi għal ebda wieħed mill-każijiet li fihom id-dritt li jiġi ppreżentat rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni huwa miftuħ għal persuni fiżiċi u ġuridiċi, indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà l-oħra ta' tali rikors ġewx issodisfatti. Konsegwentement, anki jekk jitqies li l-Kummissjoni naqset, fil-kawża preżenti, li tieħu pożizzjoni u li r-rikorrent ippreżenta r-rikors tiegħu fit-termini stabbiliti, dawn iċ-ċirkustanzi huma irrilevanti.

39 Fit-tieni lok, għandu jiġi nnotat li l-kwistjoni sabiex isir magħruf jekk il-Kummissjoni kellhiex il-possibbiltà li tadotta xi miżuri unilaterali kontra l-Konfederazzjoni Svizzera u l-kwistjoni sabiex isir magħruf jekk hija kellhiex l-obbligu li tagħmel dan ma humiex rilevanti għall-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà ta' dan ir-rikors għal nuqqas li tittieħed azzjoni, iżda biss għall-evalwazzjoni tal-fondatezza tiegħu (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Settembru 2011, Ryanair vs Il-Kummissjoni, T-442/07, mhux ippubblikata, EU:T:2011:547, punt 27). Għaldaqstant, l-argumenti tar-rikorrenti dwar dawn il-kwistjonijiet huma ineffettivi.

40 Fit-tielet lok, għandu jitfakkar li t-Trattat FUE, mhux biss permezz tal-Artikoli 263 u 277 tiegħu, minn naħa, u tal-Artikolu 267 tiegħu, min-naħa l-oħra, iżda wkoll permezz tal-Artikolu 265 tiegħu, stabbilixxa sistema kompleta ta' rimedji u ta' proċeduri intiżi sabiex jiżguraw ir-reviżjoni tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet, billi jgħaddihom lill-qrati tal-Unjoni (ara s-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punt 92 u l-ġurisprudenza ċċitata).

41 Madankollu, għalkemm il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati direttament quddiem il-qorti tal-Unjoni għandhom jiġu interpretati fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, li jissanċixxi d-dritt fundamentali għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li dan l-artikolu ma għandux l-għan li jbiddel is-sistema ta' stħarriġ ġudizzjarju prevista mit-Trattati, u b'mod partikolari dawn il-kundizzjonijiet. B'hekk, dan l-artikolu ma jeżiġix, partikolarment, li individwu għandu jkun jista', mingħajr ma jkun suġġett għal ebda kundizzjoni, jippreżenta rikors kontra kull nuqqas li tittieħed deċiżjoni jew li tittieħed pożizzjoni minn naħa tal-istituzzjonijiet (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenzi tat-3 ta' Ottubru 2013, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, C-583/11 P, EU:C:2013:625, punti 97, 98 u 105 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tad-9 ta' Novembru 2017, SolarWorld vs Il-Kunsill, C-205/16 P, EU:C:2017:840, punti 67 u 68).

42 F'dan il-każ, minkejja li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 265 TFUE ma jistgħux, fid-dawl tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, jiġu interpretati b'mod strett, xorta jibqa' l-fatt li, fid-dawl tal-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà tar-rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi mfakkra fil-punti 25 u 26 iktar 'il fuq, l-assenza ta' teħid ta' pożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tat-talba tar-rikorrent li jiġu adottati miżuri unilaterali kontra l-Konfederazzjoni Svizzera ma setgħetx tagħtih, fi kwalunkwe każ, id-dritt li jippreżenta tali rikors. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ma tistax teskludi dawn il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà, li jirriżultaw mit-Trattat FUE, hekk kif interpretat minn ġurisprudenza stabbilita, mingħajr ma teċċedi l-kompetenzi attribwiti lilha (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, id-Digriet tal-24 ta' Novembru 2016, Petraitis vs Il-Kummissjoni, C-137/16 P, mhux ippubblikat EU:C:2016:904, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 B'mod partikolari, fir-rigward tal-assenza ta' kwalunkwe mekkaniżmu previst mill-FMLP li jippermetti li r-rikorrent iressaq kawża quddiem qorti supranazzjonali jew qorti "kompetenti fil-qasam tad-dritt [tal-Unjoni]", għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma jistax jiġġustifika li l-qorti tal-Unjoni teċċedi l-kompetenzi mogħtija lilha bil-għan biss li tagħmel tajjeb għal din l-assenza.

44 Barra minn hekk, bil-kontra ta' dak li jissuġġerixxi r-rikorrent, il-prinċipji ta' effettività u ta' ekwivalenza ma humiex transponibbli fil-kawża preżenti.

45 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, fin-nuqqas ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-modalitajiet proċedurali tal-azzjonijiet ġudizzjarji intiżi sabiex jiżguraw is-salvagwardja tad-drittijiet mogħtija lill-individwi mid-dritt tal-Unjoni, li jaqgħu taħt l-ordinament ġuridiku intern tal-Istati Membri, ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jikkonċernaw rikorsi simili ta' natura interna (prinċipju ta' ekwivalenza) jew irendu, fil-prattika, impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni (prinċipju ta' effettività) (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' Ġunju 2007, van der Weerd *et*, C-222/05 sa C-225/05, EU:C:2007:318, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

46 Issa, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, bħala definizzjoni, dawn il-prinċipji jistgħu jiġu implimentati biss mill-qrati nazzjonali iżda mhux mill-qrati tal-Unjoni, li japplikaw il-modalitajiet proċedurali previsti mid-dritt tal-Unjoni stess. Barra minn hekk, fir-rigward tal-limiti tal-attribuzzjonijiet mogħtija lilhom mit-Trattati, konformement mal-prinċipju tal-ekwilibriju istituzzjonali, il-qrati tal-Unjoni ma jistgħux jinjoraw dawn il-modalitajiet proċedurali (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (CMR-15), C-687/15, EU:C:2017:803, punt 40).

47 F'kull każ, anki li kieku t-talbiet għal nuqqas li tittieħed azzjoni setgħu jitqiesu li huma ammissibbli, huma għandhom jiġu miċħuda fuq il-mertu, minħabba r-raġunijiet esposti iktar 'il quddiem.

– Fuq il-mertu tat-talbiet għal nuqqas li tittieħed azzjoni

48 Minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li, sabiex tingħata deċiżjoni fuq il-mertu tat-talbiet għal nuqqas li tittieħed azzjoni, hemm lok li jiġi vverifikat jekk, mill-mument tal-intimazzjoni tal-istituzzjoni inkwistjoni fis-sens tal-Artikolu 265 TFUE, l-istituzzjoni kellhiex obbligu li taġixxi (ara s-sentenza tad-29 ta' Settembru 2011, Ryanair vs Il-Kummissjoni, T-442/07, mhux ippubblikata, EU:T:2011:547, punt 28 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Fil-kawża preżenti, għandu jiġi nnotat li, hekk kif issostni ġustament il-Kummissjoni, li ma jistax jeżisti, fil-konfront tagħha, l-obbligu li tadotta miżuri unilaterali kontra l-Konfederazzjoni Svizzera, fil-kawża preżenti, tkun xi tkun il-pożizzjoni ta' din l-istituzzjoni f'dak li jikkonċerna l-konformità tal-klawżola ta' bżonn mal-FMLP.

50 Fil-fatt, hekk kif diġà ġie ddikjarat fil-punti 31 u 32 iktar 'il fuq, l-ebda dispożizzjoni applikabbli għal eventwali tilwim bejn il-partijiet kontraenti għall-FMLP dwar l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni tiegħu ma tobbliga, u lanqas ma tawtorizza lill-Kummissjoni sabiex tadotta tali miżuri. Huwa biss permess, skont l-Artikolu 19 ta' dan il-ftehim, li tali tilwim jiġi ppreżentat quddiem il-Kumitat Konġunt.

51 Barra minn hekk, minn naħa, għandu jiġi nnotat li l-FMLP ġie konkluż mal-Konfederazzjoni Svizzera mhux biss mill-Unjoni, iżda wkoll mill-Istati Membri kollha. Bħala konsegwenza, bħalma essenzjalment tinnota l-Kummissjoni, l-eventwali adozzjoni ta' miżuri unilaterali kontra l-Konfederazzjoni Svizzera minħabba ksur tal-FMLP timplika, minn tal-inqas, il-kunsens tal-Istati Membri.

52 Min-naħa l-oħra, huwa minnu li l-Kummissjoni għandha setgħa ta' rappreżentazzjoni esterna tal-Unjoni, abbażi tal-Artikolu 17(1) TUE, u din is-setgħa tawtorizzaha tmexxi, f'isem l-Unjoni, id-diskussjonijiet neċessarji mal-awtoritajiet Svizzeri fid-dawl tal-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim u li tiżgura l-applikazzjoni tajba tiegħu minn dawn tal-aħħar. Madankollu dan ma jfissirx li hija tista' tiddeċiedi, abbażi ta' din l-awtorizzazzjoni, li tadotta miżuri legalment vinkolanti kontra l-Konfederazzjoni Svizzera mingħajr ma jiġu espressament awtorizzati mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni, C-660/13, EU:C:2016:616, punt 36). Fil-fatt, fl-assenza ta' kull proċedura li tirregola tali miżuri, l-eventwali adozzjoni tagħhom tkun teħtieġ, fid-dawl, b'mod partikolari, tal-konsegwenzi potenzjali tagħhom, li jsiru arbitraġġi bejn l-interessi diverġenti li jaqgħu taħt ir-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-Konfederazzjoni Svizzera, fatt li jaqa' taħt il-kompetenza tal-Kunsill (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-28 ta' Lulju 2016, Il-Kunsill vs Il-Kummissjoni, C-660/13, EU:C:2016:616, punti 33 u 39).

53 Barra minn hekk, tali obbligu jirriskja li jippreġudika l-implimentazzjoni tal-FMLP, li jagħmel parti mill-kuntest ta' seba' ftehimiet settorjali konklużi mal-Konfederazzjoni Svizzera intiżi li jsaħħu r-rabtiet ekonomiċi bejn l-Unjoni u dan il-pajjiż terz u li għandu, b'mod iktar partikolari, l-għan li joħloq bejn il-partijiet kontraenti l-moviment liberu tal-persuni billi jibbaża ruħu fuq id-dispożizzjonijiet applikabbli fl-Unjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Frar 2014, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill, C-656/11, EU:C:2014:97, punti 53 u 55).

54 Fil-fatt, għall-finijiet tar-riżoluzzjoni tat-tilwim dwar l-interpretazzjoni tal-FMLP u l-applikazzjoni tiegħu, huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri jkollhom setgħa ta' evalwazzjoni, jew inkella diskrezzjonali, li tkun minn tal-inqas suffiċjentement wiesgħa sabiex jitwettqu l-arbitraġġi neċessarji bejn l-interessi diverġenti li jirriżultaw mir-relazzjonijiet mal-Konfederazzjoni Svizzera u sabiex tiġi ddeterminata l-iktar strateġija xierqa fid-dawl tal-protezzjoni tal-interess tal-Unjoni u tal-interessi taċ-ċittadini u tal-operaturi tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Diċembru 2001, Area Cova *et* vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-196/99, EU:T:2001:281, punti 122 sa 124 u l-ġurisprudenza ċċitata).

55 Għandu jingħad ukoll li l-assenza ta' kull dispożizzjoni fil-FMLP li tipprevedi l-adozzjoni, mill-partijiet kontraenti, ta' miżuri unilaterali, minbarra d-dispożizzjonijiet dwar in-nuqqas ta' tiġdid jew id-denunzja ta' dan il-ftehim, kif ukoll il-kontenut tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 19 tiegħu dwar ir-riżoluzzjoni tat-tilwim mill-Kumitat Konġunt, li, skont l-Artikolu 14 tiegħu, jiddeċiedi bi qbil komuni, juru r-rieda tal-imsemmija partijiet kontraenti li jipprivileġġaw in-negozjar u l-konsensus sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb ta' dan il-ftehim.

56 Konsegwentement, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, ma kienx hemm l-obbligu għall-Kummissjoni li tadotta, kontra l-Konfederazzjoni Svizzera, il-miżuri mitluba mir-rikorrent. Għaldaqstant, jekk jitqies li l-Kummissjoni astjeniet ruħha milli tieħu pożizzjoni jew li tiddeċiedi fuq din it-talba, din l-astensjoni ma tikkostitwixxix, fi kwalunkwe każ, nuqqas li tittieħed azzjoni.

57 L-applikazzjoni tal-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali, invokati mir-rikorrent, ma tikkonfutax dawn il-konklużjonijiet.

58 Skont ġurisprudenza stabbilita, id-dritt li jiġi invokat il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jestendi għal kull persuna li fir-rigward tagħha l-istituzzjoni tal-Unjoni tkun nisslet aspettattivi bbażati fuq garanziji preċiżi li jkunu ġew ipprovduti lilha. Fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali, dan jimplika li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tkun ċerta u li l-applikazzjoni tagħha tkun prevedibbli għall-partijiet fil-kawża (ara s-sentenza tas-17 ta' Frar 2017, Islamic Republic of Iran Shipping Lines *et* vs Il-Kunsill, T-14/14 u T-87/14, EU:T:2017:102, punti 191 u 192 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Issa, minn naħa, fir-rigward tal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandu jiġi rrilevat li r-rikorrent ma rċieva l-ebda garanzija preċiża dwar l-adozzjoni, mill-Kummissjoni, ta' miżuri unilaterali fir-rigward tal-Konfederazzjoni Svizzera fid-dawl tal-ksur tal-FMLP minn dan il-pajjiż terz.

60 B'hekk, kif diġà ġie rrilevat, l-ebda dispożizzjoni applikabbli ma tobbliga, u lanqas ma tawtorizza, lill-Kummissjoni tadotta hija stess tali miżuri, li jkunu jeħtieġu, fi kwalunkwe każ, il-kunsens tal-Istati Membri u tal-Kunsill (ara l-punti 50 sa 52 iktar 'il fuq).

61 Barra minn hekk, fil-posta elettronika tat-30 ta' Mejju u tas-7 ta' Ġunju 2018 tal-Kummissjoni u fl-ittra tal-20 ta' Diċembru 2018 tas-SEAE, l-awtoritajiet tal-Unjoni pprovdew biss garanziji ġenerali dwar l-impenn li tagħmel minn kollox sabiex tiġi żgurata applikazzjoni korretta tal-FMLP u r-rispett tad-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni fl-Isvizzera u dwar l-impenn li tkompli ssegwi l-proċess leġiżlattiv ta' emenda tal-klawżola ta' bżonn f'dan il-pajjiż, flimkien mal-awtoritajiet tiegħu (ara l-punti 5 u 8 iktar 'il fuq).

62 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-prinċipju ta' ċertezza legali, jirriżulta, b'mod ċar u inekwivoku, mid-dispożizzjonijiet tal-FMLP li dan il-ftehim ma jipprevedix, f'dan l-istadju, proċedura ta' riżoluzzjoni tat-tilwim oħra għajr dik prevista fl-Artikolu 19 tiegħu, li jippermetti li l-partijiet kontraenti jissuġġettaw kull tilwima ta' din in-natura lill-Kumitat Konġunt, mingħajr obbligu, għal dan tal-aħħar, li jasal għar-riżoluzzjoni tal-imsemmija tilwima. Konsegwentement, fl-istat attwali tad-dritt applikabbli, il-FMLP ma jipprovdi lill-Kummissjoni bl-ebda mezz legali ieħor sabiex tippreżerva d-drittijiet li ċ-ċittadini tal-Unjoni għandhom abbażi tal-FMLP fuq it-territorju Svizzeru, ħlief dak li jippreżentaw quddiem il-Kumitat Konġunt kull kwistjoni dwar il-konformità ta' dan il-ftehim mad-dispożizzjonijiet tad-dritt Svizzeru u mal-miżuri amministrattivi meħuda bl-applikazzjoni ta' dan id-dritt.

63 Barra minn hekk, hekk kif ġie rrilevat fil-punt 33 iktar 'il fuq, l-adozzjoni, barra minn kull proċedura applikabbli, ta' miżuri unilaterali minn waħda mill-partijiet kontraenti għall-FMLP kontra l-parti l-oħra, minħabba ksur, minn din tal-aħħar, tal-obbligi li din għandha abbażi ta' dan il-ftehim, ma toffri, bħala definizzjoni, l-ebda garanzija fir-rigward tar-riżoluzzjoni tat-tilwima bejn dawn il-partijiet.

64 Fl-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, ir-rikorrent jikkontesta l-legalità tad-dispożizzjonijiet tal-FMLP, minħabba l-fatt li ma jipprevedux aċċess għal qorti indipendenti sabiex jiġu deċiżi l-kawżi marbuta mal-applikazzjoni ta' dan il-ftehim. Madankollu, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jikkonfutaw l-assenza, fil-kawża preżenti, ta' obbligu għall-Kummissjoni li tadotta xi miżuri kontra l-Konfederazzjoni Svizzera.

65 Fil-fatt, minn naħa, għandu jiġi nnotat li l-Artikolu 11 tal-FMLP jipprevedi d-dritt għal appell għall-persuni previsti minn dan il-ftehim, quddiem l-awtoritajiet kompetenti, u, partikolarment quddiem l-istanza ġudizzjarja nazzjonali kompetenti. Fil-kawża preżenti, mill-annessi tal-proċess jirriżulta li r-rikorrent seta' jippreżenta azzjoni quddiem il-QAF kontra d-deċiżjoni li ma jiġix awtorizzat jipprattika taħt il-kopertura tal-assigurazzjoni għall-mard obbligatorja. Għalkemm ir-rikorrent jikkontesta l-interpretazzjoni miżmuma minn din il-qorti tal-FMLP u tad-dritt tal-Unjoni applikabbli, huwa ma jistabbilixxix li din ma ddeċidietx b'mod indipendenti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi mfakkar li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-mod tan-nominazzjoni tal-qrati, invokat f'dan il-każ mir-rikorrent, ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jitfa' dubju fuq l-indipendenza tagħhom (ara, f'dan is-sens, Qorti EDB, 18 ta' Mejju 1999, Ninn-Hansen vs Id-Danimarka, CE:ECHR:1999:0518DEC002897295, u 26 ta' Awwissu 2003, Filippini vs Saint-Marin, CE:ECHR:2003:0826DEC001052602). Barra minn hekk, mill-annessi tal-proċess jirriżulta wkoll li s-sentenza tat-Tribunal arbitral des assurances du canton de Genève (it-Tribunal ta' Arbitraġġ tal-Assigurazzjonijiet tal-canton ta' Genève) tat-3 ta' Lulju 2019 tista' tkun is-suġġett ta' rikors quddiem it-Tribunal fédéral suisse (il-Qorti Federali tal-Isvizzera). Għaldaqstant, ir-rikorrent ma jistabbilixxix li, fil-kawża preżenti, ma jeżistix aċċess għal qorti indipendenti sabiex jiġu deċiżi t-tilwimiet li huwa jew min jimpjegah għandu kontra l-awtoritajiet Svizzeri f'dak li jirrigwarda d-dritt tiegħu li jeżerċita l-professjoni tiegħu ta' tabib fil-canton ta' Genève.

66 Min-naħa l-oħra, u f'kull każ, il-fatt li ma jeżistix mekkaniżmu previst mill-FMLP li jippermetti li l-qorti tal-Unjoni tiddeċiedi fuq l-applikazzjoni mill-awtoritajiet Svizzeri ta' dan il-ftehim u tad-dritt tal-Unjoni ma jistax, waħdu, joħloq, fil-konfront tal-Kummissjoni, obbligu li tieħu miżuri unilaterali kontra l-Konfederazzjoni Svizzera. F'dan ir-rigward, huwa suffiċjenti li jiġi mfakkar li, hekk kif ġie kkonstatat fil-punti 51 u 54 iktar 'il fuq, l-adozzjoni ta' tali miżuri tirrikjedi, mill-inqas, il-kunsens tal-Istati Membri u l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill u, min-naħa l-oħra, ma tistax tkun ta' natura imperattiva, fid-dawl tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa meħtieġa sabiex isiru l-arbitraġġi neċessarji u tiġi ddeterminata l-iktar strateġija xierqa.

67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, anki li kieku t-talbiet għal nuqqas li tittieħed azzjoni huma ammissibbli, dawn jistgħu biss, fi kwalunkwe każ, jiġu miċħuda bħala manifestament infondati fid-dritt.

Fuq it-talbiet intiżi sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni minħabba l-allegat nuqqas mhux iġġustifikat ta' azzjoni tal-Kummissjoni

68 Ir-rikorrent isostni li, mill-2013 huwa ilu jġarrab dannu kontinwu marbut mal-impossibbiltà li jeżerċità, b'mod liberu, il-mediċina fil-canton ta' Genève u li dan id-dannu ser jibqa' għaddej, mill-inqas, sal-2021. Dan id-dannu jinkludi, fl-opinjoni tiegħu, it-telf ta' qligħ, inkluż it-telf ta' qligħ fil-futur marbut mal-ħlas ta' pensjoni tal-irtirar, kif ukoll dannu morali. Fil-kuntest tal-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà,ir-rikorrent isostni li, fil-każ fejn il-Qorti Ġenerali ma tikkonstatax in-nuqqas mhux iġġustifikat ta' azzjoni tal-Kummissjoni, ikollha tikkonstata li huwa ġarrab dannu mhux normali, speċjali, kontinwu u li jevolvi u li l-FMLP huwa manifestament illegali, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali għandha, mill-inqas, tirrikonoxxi r-responsabbiltà mingħajr nuqqas tal-Unjoni u tikkumpensa, konsegwentement id-dannu mġarrab minnu.

69 Il-Kummissjoni ssostni li r-rikors għad-danni huwa infondat.

70 Abbażi tat-talbiet tiegħu għal kumpens, ir-rikorrent jippreżenta, minn naħa, talbiet intiżi għall-kumpens tad-dannu li diġa ġarrab mill-2013 'il hawn, fuq il-bażi, prinċipalment, tan-nuqqas mhux iġġustifikat ta' azzjoni tal-Kummissjoni, u, sussidjarjament, fuq ir-responsabbiltà mingħajr nuqqas u, min-naħa l-oħra, talbiet intiżi għall-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità, minħabba d-dannu li ser ikompli jġarrab, sakemm il-Konfederazzjoni Svizzera tikkonforma ruħha mal-FLMP jew sakemm waħda mill-partijiet għall-ftehim tirtira minnu. Ikun xieraq li nibdew bl-eżami tat-talbiet intiżi għall-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità.

– Fuq it-talbiet intiżi għall-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità

71 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-azzjoni għad-danni bbażata fuq l-Artikolu 268 TFUE u fuq it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, hija rimedju awtonomu, li għandha l-funzjoni partikolari tagħha fil-kuntest tas-sistema tar-rimedji u li hija suġġett għal kundizzjonijiet ta' eżerċizzju maħsuba fid-dawl tal-għan speċifiku tagħha. Din hija differenti mir-rikors għal annullament sa fejn ma hijiex intiża biss għat-tneħħija ta' miżura speċifika, iżda għall-kumpens għad-dannu kkawżat minn istituzzjoni (ara s-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2000, Fresh Marine vs Il-Kummissjoni, T-178/98, EU:T:2000:240, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

72 F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-kuntest ta' rikors għad-danni bbażat fuq l-Artikolu 268 TFUE u fuq it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, il-qorti tal-Unjoni ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex timponi pagamenti ta' penalità kontra l-istituzzjoni li lilha hija imputata r-responsabbiltà għad-dannu. Fil-fatt, l-għan tal-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità ma jistax ikun dak li jkun hemm kumpens għad-dannu mġarrab, iżda biss dak li jġiegħel lill-istituzzjoni sabiex ittemm il-ksur tad-dritt tal-Unjoni li qiegħda tiġi akkużata bih, jew billi tadotta, jew billi tħassar miżura partikolari (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tas-17 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-496/09, EU:C:2011:740, punti 42 sa 45).

73 Għaldaqstant, it-talbiet tar-rikorrent intiżi għall-impożizzjoni ta' pagamenti ta' penalità jistgħu biss jiġu miċħuda għaliex manifestament inammissibbli.

74 F'kull każ, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, għal aġir illegali tal-korpi tagħha, hija suġġetta għall-unifikazzjoni tal-kundizzjonijiet kollha, jiġifieri l-illegalità tal-aġir attribwit lill-istituzzjonijiet, ir-realtà tad-dannu u l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-aġir allegat u d-dannu invokat (ara d-digriet tas-6 ta' Settembru 2011, Mugraby vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-292/09, mhux ippubblikat, EU:T:2011:418, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata). Partikolarment, għandu jitfakkar li kull dannu, li għalih jintalab il-kumpens fil-kuntest ta' rikors għad-danni mhux kuntrattwali tal-Unjoni skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE, għandu jkun reali u ċert, u dan għandu jiġi pprovat mir-rikorrent. Huwa dan tal-aħħar li għandu jipproduċi provi konklużivi kemm dwar l-eżistenza kif ukoll dwar il-portata tad-danni invokati minnu (ara s-sentenza tas-6 ta' Settembru 2018, Klein vs Il-Kummissjoni, C-346/17 P, EU:C:2018:679, punt 147 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Issa, anki jekk jitqies li l-pagamenti ta' penalità li r-rikorrent qed jitlob li l-Qorti Ġenerali timponi fuq il-Kummissjoni huma intiżi bħala kumpens għad-dannu futur li ser jibqa' jġarrab sakemm il-klawżola ta' bżonn tibqa' applikabbli fil-konfront tiegħu, tali dannu ma jistax, mid-definizzjoni tiegħu stess, jiġi kkunsidrat bħala reali u ċert fis-sens tal-ġurisprudenza. Għaldaqstant, it-talbiet għal pagamenti ta' penalità jistgħu biss, f'kull każ, jiġu miċħuda għaliex manifestament infondati fid-dritt.

– Fuq it-talbiet intiżi sabiex l-Unjoni tiġi kkundannata tikkumpensa d-dannu mġarrab mir-rikorrent mill-2013

76 Għandu jitfakkar li, f'dak li jikkonċerna l-illegalità ta' aġir li huma akkużati bih l-istituzzjonijiet, li tikkostitwixxi waħda mit-tliet kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, il-ġurisprudenza teżiġi li jew jiġi stabbilit ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali li l-għan tagħha huwa li tagħti drittijiet lil individwi. Fir-rigward tar-rekwiżit li l-ksur għandu jkun suffiċjentement serju, il-kriterju deċiżiv li jippermetti li jiġi kkunsidrat li dan ir-rekwiżit huwa ssodisfatt, huwa dak tan-nuqqas ta' osservanza manifesta u gravi, mill-istituzzjoni kkonċernata, tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħha. Meta din l-istituzzjoni jkollha biss setgħa diskrezzjonali kunsiderevolment imnaqqsa, jew saħansitra ineżistenti, is-sempliċi ksur tad-dritt tal-Unjoni jista' jkun biżżejjed sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju (ara d-digriet tas-6 ta' Settembru 2011, Mugraby vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, T-292/09, mhux ippubblikat, EU:T:2011:418, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 Issa, fil-kawża preżenti, minn naħa, huwa suffiċjenti li jitfakkar li, hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 35 iktar 'il fuq, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet tad-dritt internazzjonali jew ta' dritt tal-Unjoni li jinkludu, b'xi mod jew ieħor, lill-individwi mal-proċess deċiżiv dwar l-implimentazzjoni tal-FMLP, anki fil-każ fejn il-Kummissjoni tkun naqset milli twettaq l-obbligi tagħha billi ma adottatx miżuri kontra l-Konfedarazzjoni Svizzera, dan l-allegat nuqqas ma jistax jitqies li huwa ksur ta' dispożizzjoni legali li għandha l-għan li tagħti drittijiet lil individwi.

78 Min-naħa l-oħra, u f'kull każ, għandu jitfakkar li, hekk kif ġie kkonstatat fil-punti 50 sa 52 u 60 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni ma hijiex awtorizzata tadotta tali miżuri fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-FMLP u f'kull każ, ma tistax twettaq tali implimentazzjoni mingħajr il-kunsens tal-Istati Membri u tal-Kunsill. Barra minn hekk, hekk kif innotat il-Qorti Ġenerali fil-punt 54 iktar 'il fuq, għall-finijiet tar-riżoluzzjoni tat-tilwim dwar l-interpretazzjoni tal-FMLP u l-applikazzjoni tiegħu, huwa essenzjali li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri jkollhom setgħa ta' evalwazzjoni, jew inkella diskrezzjonali, li tkun minn tal-inqas suffiċjentement wiesgħa sabiex jitwettqu l-arbitraġġi neċessarji bejn l-interessi diverġenti li jirriżultaw mir-relazzjonijiet mal-Konfederazzjoni Svizzera u sabiex tiġi ddeterminata l-iktar strateġija xierqa fid-dawl tal-protezzjoni tal-interess tal-Unjoni u tal-interessi taċ-ċittadini u tal-operaturi tal-Unjoni. Għaldaqstant, il-fatt li l-Kummissjoni astjeniet ruħha milli tadotta l-miżuri mitluba mir-rikorrent ma jista', bl-ebda mod, jikkostwixxi nuqqas ta' osservanza manifesta u serja, minn din l-istituzzjoni, tal-limiti imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħha, u bħala konsegwenza, ksur suffiċjentement serju fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkar fil-punt 76 iktar 'il fuq.

79 Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 58 sa 63 iktar 'il fuq, il-prinċipji ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' ċertezza legali ma jistgħux jikkonfutaw dawn il-kunsiderazzjonijiet.

80 Minn dak kollu li ntqal qabel jirriżulta li t-talbiet għal kumpens tar-rikorrent ippreżentati abbażi tal-allegat nuqqas mhux iġġustifikat ta' azzjoni tal-Kummissjoni għandhom jiġu miċħuda għaliex manifestament infondati fid-dritt, mingħajr ma jkun neċessarju li tiġi eżaminata l-eżistenza ta' dannu u ta' rabta bejn dan id-dannu u n-nuqqas ta' azzjoni li hija akkużata bih il-Kummissjoni.

81 Fir-rigward tal-argument ippreżentat sussidjarjament fl-osservazzjonijiet tar-rikorrent fuq l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, intiż sabiex il-Qorti Ġenerali tikkundanna lill-Kummissjoni tikkumpensa d-danni allegati fuq il-bażi tar-responsabbiltà mingħajr nuqqas, mingħajr ma jkun neċessarju li tiddeċiedi fuq il-kwistjoni sabiex isir magħruf jekk dan l-argument tressaqx insostenn ta' talbiet awtonomi jew jinvolvix motivi ġodda u jekk, jekk ikun il-każ, tali talbiet jew motivi humiex ammissibbli. Għandu jiġi nnotat li tali argument huwa manifestament infondat fid-dritt.

82 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kkonstatat li d-dritt tal-Unjoni ma jipprevedix, fl-istat attwali tiegħu, sistema li tippermetti li tiġi kkontestata r-responsabbiltà tal-Unjoni fl-assenza ta' aġir illegali ta' korp ta' din tal-aħħar (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Settembru 2008, FIAMM *et* vs Il-Kunsill u

Il-Kummissjoni, C-120/06 P u C-121/06 P, EU:C:2008:476, punti 167 u 179). Din il-ġurisprudenza hija trasponibbli, fil-kawża preżenti, peress li d-dispożizzjonijiet tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 340 TFUE huma, essenzjalment, analogi għad-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-ex Artikolu 288 KE, li fuqu hija bbażata l-imsemmija ġurisprudenza.

83 It-talbiet intiżi sabiex l-Unjoni tiġi kkundannata tikkumpensa d-dannu allegatament imġarrab mir-rikorrent mill-2013 'il hawn, għandhom għaldaqstant jiġu miċħuda għaliex manifestament infondati fid-dritt.

Fuq it-talbiet għal annullament tal-allegat rifjut li tittieħed azzjoni tal-Kummissjoni u t-talbiet li jirrigwardaw l-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni

Fuq it-talbiet għall-annullament tal-allegat rifjut li tittieħed azzjoni tal-Kummissjoni

84 Ir-rikorrent isostni li l-ittra tas-SEAE tat-22 ta' Diċembru 2018 għandha tiġi analizzata bħala rifjut li tittieħed azzjoni, peress li hija tirrikonoxxi l-eżistenza ta' ksur tal-FMLP minn naħa tal-Konfederazzjoni Svizzera u li, bil-kontra ta' dak li ġie sostnut f'din l-ittra, hija għandha l-possibbiltà li tadotta miżuri unilaterali kontra dan il-pajjiż terz.

85 Il-Kummissjoni ssostni li r-rikors għal annullament huwa inammissibbli, l-ewwel nett, peress li hija ma hijiex l-awtriċi tal-ittra tat-22 ta' Diċembru 2018, it-tieni nett, peress li l-kontenut tal-ittra huwa informativ, u t-tielet nett, peress li l-imsemmija ittra ma tipproduċi l-ebda effett legali vinkolanti.

86 Fil-kawża preżenti, jekk jitqies li l-ittra tas-SEAE tal-20 ta' Diċembru 2018 għandha tiġi analizzata bħala li fiha rifjut ċar tal-Kummissjoni sabiex taġixxi fuq l-istedina għal teħid ta' azzjoni tar-rikorrent, it-talbiet għal annullament tar-rikors xorta waħda għandhom jiġu miċħuda għaliex manifestament inammissibbli.

87 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jitfakkar li, hekk kif jirriżulta mir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, meta rikors għal annullament jiġi ppreżentat minn persuna fiżika jew ġuridika kontra att li ma huwiex indirizzat lilha, din il-persuna għandha tkun, partikolarment, direttament ikkonċernata mill-imsemmi att. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-kundizzjoni li tipprovdi li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun direttament ikkonċernata mill-miżura li hija s-suġġett tar-rikors, teħtieġ li jiġu ssodisfatti żewġ kriterji kumulattivi, jiġifieri li l-miżura kkontestata, fl-ewwel lok, toħloq direttament effetti fuq is-sitwazzjoni ġuridika ta' din il-persuna u, fit-tieni lok, ma tħalli ebda setgħa diskrezzjonali lill-persuni indirizzati minnha li għandhom jimplimentawha, peress li din hija ta' natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, mingħajr applikazzjoni ta' regoli oħra intermedjarji (ara s-sentenza tat-28 ta' Frar 2019, Il-Kunsill vs Marquis Energy, C-466/16 P, EU:C:2019:156, punt 44 u l-ġurisprudenza ċċitata).

88 Fil-kawża preżenti, huwa suffiċjenti li jiġi nnotat li l-ewwel kundizzjoni kumulattiva stabbiliti mill-ġurisprudenza ma hijiex issodisfatta. Fil-fatt, fil-punt 29 iktar 'il fuq ġie kkonstatat li miżuri adottati mill-Kummissjoni kontra l-Konfederazzjoni Svizzera ma jkunux, fihom infushom, ta' natura li jbiddlu b'mod kunsiderevoli s-sitwazzjoni legali tar-rikorrent fir-rigward tad-dritt tiegħu li jeżerċita l-professjoni ta' tabib fil-canton ta' Genève. Bħala konsegwenza, lanqas ir-rifjut li jiġu adottati tali miżuri ma jista' jipproduċi direttament xi effetti fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrent. Għaldaqstant, mingħajr ma jkun neċessarju li jiġu eżaminati l-kundizzjonijiet l-oħra ta' ammissibbiltà stabbiliti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, huwa suffiċjenti li jiġi rrilevat li r-rikorrent ma huwiex direttament ikkonċernat mill-att ikkontestat.

89 Min-naħa l-oħra, fil-punt 35 iktar ’il fuq ġie nnotat li peress li r-rikorrent ma għandux id-dritt li jeżiġi li l-Kummissjoni tadotta miżuri unilaterali kontra l-Konfederazzjoni Svizzera, sa fejn dawn il-miżuri jikkonċernaw biss ir-relazzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri ma’ pajjiż terz, huwa ma jistax jiġi awtorizzat li jippreżenta għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni n-nuqqas li jiġu adottati. Għall-istess raġunijiet, anki jekk jitqies li, fil-kawża preżenti, il-Kummissjoni mhux biss naqset milli tadotta dawn il-miżuri, iżda rrifjutat li tagħmel dan, it-talbiet għal annullament ta’ dan ir-rifjut xorta waħda jibqgħu manifestament inammissibbli.

Fuq it-talbiet sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni

90 Hekk kif ġie indikat fil-punt 22 iktar ’il fuq, it-talbiet tar-rikorrent intiżi għall-“[annullament tad-]deċiżjoni ta’ rifjut impliċitu għal kumpens tad-danni mġarrba minħabba dan il-ksur” għandhom jiġu analizzati bħala intiżi, impliċitament iżda neċessarjament, sabiex l-Unjoni tiġi kkundannata tikkumpensa d-dannu mġarrab, fuq il-bażi tal-Artikoli 268 u 340 TFUE. Għaldaqstant, l-argument imfakkar fil-punt 68 iktar ’il fuq huwa insostenn ta’ dawn it-talbiet.

91 Il-Kummissjoni ssostni li r-rikorrent ma jistax jitlob b’mod utli li l-Qorti Ġenerali tikkumpensah għad-danni allegatament imnissla mir-rifjut li tittieħed azzjoni tagħha, peress li hija ma hijiex responsabbli għall-ksur tal-FMLP imwettaq mill-awtoritajiet Svizzeri.

92 Għall-istess raġunijiet bħal dawk esposti fil-punti 77 sa 82 iktar ’il fuq, it-talbiet għal kumpens tar-rikorrent, ibbażati fuq l-allegat rifjut tal-Kummissjoni li taġixxi fuq l-istedina tiegħu sabiex tittieħed azzjoni, għandhom jiġu miċħuda, f’kull każ, għaliex manifestament infondati fid-dritt. Fil-fatt, anki jekk jitqies li l-ittra tal-20 ta’ Diċembru 2018 tas-SEAE fiha tali rifjut, dan la jista jiġi kkunsidrat bħala ksur, mill-Kummissjoni, ta’ dispożizzjoni legali li l-għan tagħha huwa li tagħti drittijiet lill-individwi fis-sens tal-ġurisprudenza, u lanqas bħala nuqqas ta’ osservanza manifesta u serja, minn din l-istituzzjoni, tal-limiti li huma imposti fuq is-setgħa diskrezzjonali tagħha, u, bħala konsegwenza, bħala ksur suffiċjentement serju ta’ tali dispożizzjoni legali. Barra minn hekk, tali rifjut ma jistax jiġi kkunsidrat bħala li jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta’ protezzjoni tal-aspettativi leġittimi jew tal-prinċipju ta’ ċertezza legali. Fl-aħħar nett, ma teżistix rabta kawżali diretta bejn l-allegat rifjut tal-Kummissjoni u d-danni invokati mir-rikorrent, peress li dan ir-rifjut, hekk kif ġie kkonstatat fil-punt 88 iktar ’il fuq, ma jistax jipproduċi direttament xi effetti legali fuq is-sitwazzjoni tar-rikorrent.

93 Bħala konklużjoni, minn dak kollu li ntqal qabel, jirriżulta li r-rikors għandu jiġi miċħud parzjalment għaliex manifestament inammissibbli u parzjalment għaliex manifestament infondat fid-dritt.

Fuq l-ispejjeż

94 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

95 Fil-kawża preżenti, peress li r-rikorrent tilef, hemm lok li jiġi kkundannat għall-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (Il-Ħames Awla)

tordna:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Nathaniel Magnan huwa kkundannat għall-ispejjeż.

Magħmula fil-Lussemburgu, fil-25 ta' Settembru 2019.

Ir-Reġistratur
E. Coulon

Il-President
D. Gratsias